# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

F'wieħed minn dawk l-imħażen ta' Strada San Marco, li sa ftit ilu l-Militar kien għadu jżomm il-bhejjem tiegħu, dâri kien hemm Teatrin, imsejjaħ it-Teatrin ta' Marsamxett. F'dan it-Teatru, għall-ħabta ta' l-aħħar jiem ta' Jannar 1803, kien qiegħed isir Ballu. Waqt is-saħna tas-sfin inqala' xi tlewwim bejn wieħed fizzjal Amerikan u żewġ skrivani Ingliżi, jisimhom Mill u Cocoran. Mill-kliem ġew fil-ġlied, billi tqagħbdu bejniethom u taw bl-idejn. Wara li spiċċaw mill-ġlieda, wieħed stieden lil l-ieħor għad-dwell. Għal din il-biċċa taw biljett b'isimhom lil xulxin.

Bl-istedina tad-dwell sama' l-Logotenent tal-Gran Viskont, Toni Morello. Dan sejħilhom u ħa isimhom. Iżda l-iskrivan Mill qal lil Morello, għal bosta drabi, li l-biċċa ssewwiet bejniethom u ma kien jinħtieġ li jsir xejn. Hekk ukoll qallu s-Surġent Ingliż li kien tal-għassa fit-Teatru ta' Marsamxett. Fuq hekk, Morello qatta' l-biljett b'isimhom.

Xi tlitt ijiem, jew erbgħa wara din il-biċċa li semmejna, waħda mara, jisimha Mudest Balbi, sejħet lil-Logotenent Morello u għarrfitu, li tifel Amerikan ġieb żewġ pistoli u xi skrateċ f'ġewlaq u ħallihom għandha, (għand Mudest) fejn, fid-dar tagħha, kien igħammar Cocoran. Mudest għarrfitu wkoll li dawn il-pistoli aktarx li ġew imħejjija għad-dwell, għax Cocoran, imġiegħel minn Mill, kiteb biljett ta' stedina għad-dwell.

Il-Logotenent Morello, wara li fela sewwa l-pistoli li wrietu Mudest, baqa' sejjer għand il-Gvernatur u għarrfu b'kollox. Il-Gvernatur ġigħelu jmur għand Mudest, jiġbor il-pistoli, jeħodhom is-Segreterija u jħallihom hemm.

Ftit jiem wara dil-biċċa, waqt li Cocoran kien fit-Teatru Manwel, resaq fuqu fizzjal Amerikan, u dan, wara li kellem bl-ingliż lil Cocoran, xejjirlu daqqa ta' ponn. Fil-ħin jilħaq Mill, sieħeb Cocoran, u l-Amerikan xejjer daqqa ta' ponn oħra lil Mill. Għal din il-ġlieda, l-Logotenent Morello ħadilhom isimhom.

Fil-lejla tat-13 ta' Frar 1803, għall-ħabta tat-tmienja, Cocoran, flimkien ma' wieħed tabib Ingliż tal-baħar, daħal id-dar tiegħu, ta' Madalena Zammit, għax Cocoran kien telaq

minn għand Mudest. Iżda, wara ftit, reġgħu ħarġu t-tnejn flimkien. Imbgħad Cocoran, għall-ħabta tad-disgħa, reġa' lura f'daru waħdu. Cocoran, wara li qagħad jikteb u reġa' ħassar xi ħaġa milli kien kiteb, qal lis-seftur tiegħu (Ċikku Caruana), biex imur jorqod u l-għada filgħodu jqajmu fl-erbgħa.

Caruana meta saru l-erbgħa ta' filgħodu, mar iqajjem lil Cocoran, u reġa' mar jimtedd. Wara ftit jistenbaħ, u sama' lil sidu jitħaddedt ma' xi ħadd; u mbagħad instama' l-bieb ta' Cocoran jingħalaq.

Ftit wara li Cocoran ħareġ, Caruana ħareġ ukoll. Fit-triq iltaqa' mas-seftur ta' Mill, jismu Natal. Dan qallu li Cocoran, flimkien ma' wieħed Ingliż, kienu għand Mill, u ħadu xi ħaġa ta' l-ikel. Natal qal ukoll lil Caruana li mbagħad Mill, Cocoran u l-Ingliż ħarġu t-tlieta flimkien u baqgħu sejrin lejn barra l-Bieb tal-Bombi, fejn hemm kellu jsir dwell.

Il-ġrajja ta' kif kien id-dwell li ser insemmu, ħadniha milli qal wieħed mix-xiehda, jismu Salvu Piott. Dan kien inkiteb b'Surġent f'wieħed mill-Battaljuni Provinċjali Maltin: jiġifieri f'dawk ir-Riġmenti li kienu qegħdin isiru wara t-Trattat ta' Amiens. Iżda, billi l-ħwejjeġ li kienu jinħtieġu għal dawn ir-Riġmenti, kien għad m'humiex imhejjija, n-nies li jinkitbu, kienu jqabbduhom jaħdmu fit-tiswija tat-triqat. Dawk li kienu jaħdmu, barra l-ħlas ta' tlieta Rbgħajja kull jum li kellhom bħala Suldati, kienu wkoll jatuhom Irbiegħi ieħor żjeda. L-imsemmi Piott, ġie mqiegħed Suprastant fuq dawk is-Suldati ħaddiema li kienu jsewwu t-toroq fl-inħawi ta' Ħal Qormi.

Kienet l-għodwa tat-Tnejn, 14 ta' Frar 1803, meta Salvu, għall-ħabta tas-sebgħa, telaq mill-Belt biex imur fuq il-ħaddiema li semmejna. Hekk kif ħareġ mill-Bieb tal-Bombi, intebaħ li mill-foss ta' taħt dak is-sur kienu telgħin żewġt irġiel. Wieħed minnhom kien baħri Amerikan u l-ieħor Malti. Dawn it-tnejn marru qagħdu fuq trunċiera żgħira li kienet imtella' fuq l-istess foss.

Din il-biċċa lil Piott daħħlitu fil-ħsieb. Fuq hekk mar jittawwal f'xifer il-foss u ra ħamest irġiel. Wieħed minnhom kien bl-uniformi Amerikana; ieħor, mix-xeħta tiegħu, jidher li kien fizzjal tal-baħar; u t-tlieta l-oħra kienu bil-lbies ta' pajżani.

Meta Piott ra dawk in-nies fil-foss, ħaseb li ser isir xi dwell. Għalhekk b'dehen li ġieh, mar qagħad mistoħbi f'rokna ta' trinċiera, biex minn hemm, ikun jista' jilmaħ kollox, bla

ma l-oħrajn jistgħu jarawh. Fil-ħin li Piott mar trekken, il-fizzjal tal-baħar telaq lil sħabu u tbiegħed minnhom. L-erbgħa l-oħra baqgħu fejn kienu jitħaddtu bejniethom, mitlufin f'taħdita bil-għaqal. Damu hekk ma' dwar nofs siegħa. F'daż-żmien, is-Surġent Piott deherlu li ntebħu bih. Inġibed xi ftit lura. Iżda, wara li ħalla jgħaddi xi ftit taż-żmien, reġa' tfaċċa mill-ġdid. Hemm lemaħ tnejn minnhom bil-pistoli f'idejhom, qegħdin jimlewhom bil-polvri, u, waqt li raw jekk humiex tajbin, dawn ħadu n-nar. Imbgħad, wara li ħadu l-balal minn kaxxa żgħira li kien hemm miftuħa taħt il-ħajt biex jimlew il-pistoli, tbiegħdu xi sitta jew seba' passi minn xulxin. Il-fizzjal, li kien bl-uniformi ta' Amerikan, qagħad .ftit il-bogħod minnhom, biex, meta jgħidilhom, jiġbdu għal xulxin.

Hekk kif dawk it-tnejn li kellhom il-pistoli kienu mhejjija sewwa, il-fizzjal Amerikan qallhom b'leħen għoli, biex jerfgħu l-grillu tal-pistoli. Dawk hekk għamlu. Imbagħad qallhom biex jagħmlu n-nar; dawk ġibdu għal xulxin, iżda ħadd minnhom ma ġie milqut. It-tnejn l-oħra resqu fejn dawk tal-pistoli. Iżda wara ftit taż-żmien li damu jitkellmu flimkien, reġgħu mlew il-pistoli, Il-parrinijiet tbegħdu, u t-tnejn tal-pistoli marru qagħdu biswit xulxin, biss did-darba iżjed qrib minn qabel. Il-fizzjal reġa' qallhom biex jiġbdu għal xulxin. Mal-ġibda, wieħed milli kienu jiddwellaw tħarrek xi ftit minn fejn kien u waqa' fl-art għal mejjet, midrub f'wiċċu u b'ħafna dmija ħierġa minn ħalqu. It-tlieta l-oħra li kienu fil-foss, wara li ħadu b'idejn xulxin, tnejn minnhom telqu lejn il-Belt, flimkien mal-fizzjal tal-baħar, u l-ieħor baqa' mal-midrub.

Is-Surġent Piott, wara dan kollu li għidna, tqanqal u ħareġ minn fejn kien mistoħbi. Dak li baqa' mal-midrub, lemħu, u sejjaħlu. Piott niżel ma' ġenbu. L-ieħor talbu biex joqgħod ftit mal-midrub, sa kemm imur u jġib miegħu kaless. Iżda meta wasal il-kaless, il-midrub laħaq miet. Lill-mejjet tellgħuh fil-kaless u baqgħu sejrin bih lejn il-Belt, fid-dar ta' Madalen Zammit, fejn kien joqgħod.

Malli l-Qorti ġiet imgħarrfa bil-biċċa, dlonk marret tagħmel l-aċċess fid-dar ta' Madalen. It-tobba kienu l-Protomediku Lwiġi Caruana u l-Kirurgu Ġużè Speranza. Fl-aċċess ġie magħruf, li l-mejjet kien l-Irlandiż John Cocoran, żagħżugħ ta' 23 sena, skrivan mal-Kummissarju Fernandes. Ġie maqtul b'arma tan-nar, b'tir ta' pistola, billi l-balla daħlet min-naħa ta' ħalqu u baqgħet tielgħa għal rasu, fejn waqfet.

Fis-16 ta' Frar 1803, il-Qorti bagħtet Rapport lill-Gvernatur dwar il-Kompilazzjoni tal-Proċess li saret fuq il-mewt ta' Cocoran. Minn dan ir-Rapport nieħdu li meta l-Qorti għamlet xi mistoqsijiet lil Mill, dan wieġeb, li fil-għodwa ta' l-14 ta' Frar, Cocoran u Ingliż ieħor marru għandu (għand Mill) u xorbu ftit rum flimkien; imbagħad infirdu. Qal ukoll, li ma jafx min kien dak l-Ingliż li ftit qabel il-mewt ta' Cocoran kien għandu. Barra minn hekk Mill għamel ta' bir-ruħu li jrid iħalli bil-miktub dak li qal; iżda, għal tliet darbiet wara xulxin, ta' kull darba jiżloq u ma jikteb xejn. U hekk Mill baqa' rasu iebsa għal li minnu riedet tkun taf il-Qorti.

Il-Qorti, għal din il-biċċa, fir-Rapport li għamlet lill-Gvernatur, tefgħet il-ħtija kollha ta' kull ma sar fuq Mill; billi qalet dan li s'er ingħidu.

Kien Mill li ġiegħel lil Cocoran jikteb biljett ta' sfedina għad-dwell. Fit-Teatru, Mill kien qala' minn għand il-Fizzjal Amerikan id-daqqa ta' ponn fl-istess żmien li kien qala' oħra Cocoran. Barra minn hekk, Mill kien sieħeb u ħabib ta' Cocoran. Għalhekk Mill kellu jgħid, minn kien dak l-Ingliż u kull ieħor li, flimkien ma' Cocoran, mar fid-dar tiegħu (ta' Mill) fil-għodwa tal-14 ta' Frar, inkella, il-ħtija kollha ta' kull ma ġara, taqa' fuqu, billi Mill jiġi miżmum b'ħati ta' dwell.

Il-Qorti ssuktat tgħid ukoll, li Mill deherlu li għandu jżomm moħbija dak l-egħmil kollu li seta' jikxef in-nies li ħadu sehem fid-dwell. B'dana kollu, kemm-il-darba huwa (il-Gvernatur) jidhirlu li wieħed għandu jgħaddi l-quddiem, f'din il-biċċa kontra Mill, u jrid li jkollu t-tagħrif meħtieġ, dwar dan id-dwell, il-Qorti taħseb, li, bis-setgħa li għandha, jirnexxilha ssibu. Għalhekk huwa dmir tagħha, li, f'din il-biċċa, timxi kif igħidilha l-Gvernatur.

Iżda, bir-Rapport kollu li l-Qorti għamlet lill-Gvernatur, dan ħalla l-biċċa għaddejja mar-riħ billi ma qata' xejn li għandu jsir kontra Mill. U din hija xiehda oħra li, għalkemm kien hawn il-piena għal min jiddwella, il-Liġijiet ma kenux jiġu mħaddma u mwettqa ma' min jiksirhom, bħal ma urejna f'kemm-il-għadd ta' dan il-Qari.

**Ġużè Gatt.**